Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 20/2016/1

**Consiglio D'Amato (421916M)**
**u b'digriet tal-Bord tas-16 ta' Ġunju 2016,**
**wara l-mewt ta' Consiglio D'Amato, l-atti gew trasfuzi f'isem**
**Assunta Josephine D'Amato (I.D. 749261M),**
**Consiglio D'Amato (I.D. 225081M),**
**Consuela Cini D'Amato (I.D. 165680M) u**
**Sabien D'Amato (I.D. 232793M)**
**(appellati)**

**Vs**

**Invicta Limited (C1841)**
**(appellant)**

25 ta' Frar, 2019.

1. Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-27 ta' Marzu 2018 li permezz tagħha laqa' t-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament tal-intimata mill-fond '*Invicta*', magħruf ukoll bħala Armada *groundfloor showroom*, li jinsab fi Triq Valletta u kantuniera ma Triq Ponsonby, Mosta, mikri lilha versu l-kera ta' €4,851 fis-sena.

2. Il-proċeduri li wasslu għall-appell kienu:

   a. Permezz ta' rikors ippreżentat minn Consiglio D' Amato fil-25 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti ppremetta li huwa jikri l-fond '*Invicta*', magħruf ukoll bħala Armada *groundfloor showroom*, li jinsab fi Triq Valletta u kantuniera ma Triq Ponsonby, Mosta, mikri lilha versu l-kera ta' €4,851 fis-sena li titħallas kull sitt xhur bil-quddiem iżda s-soċjetà intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni billi ssullokat il-fond mingħajr il-permess espress tiegħu bi ksur tal-artikolu 9(a) tal-Kap. 69. Talab għalhekk lill-Bord jiddikjara li l-fond ġie sullokat mingħajr il-kunsens espress tas-sid u konsegwentement jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond filwaqt li jordna l-iżgumbrament tal-intimata fi żmien qasir u perentorju, bl-ispejjeż.

b. L-intimata wieġbet[1] illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda mill-ispejjeż stante li ma kisret l-ebda kondizzjoni tal-lokazzjoni, kif erronjament indikat mir-rikorrent.

c. Fis-6 ta' Marzu 2016, stante l-mewt tar-rikorrent, il-Bord laqa' t-talba ta' Assunta Josephine D' Amato, Consiglio D' Amato, Consuela Cini D' Amato u Sabien D' Amato[2] għat-trasfużjoni tal-ġudizzju ta' Consiglio D' Amato f' isimhom.

d. B' sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2018, il-Bord iddeċieda billi laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u għall-fini ta' żgumbrament iffissa terminu ta' żmien xahar, spejjeż a karigu tas-soċjetà intimata.

3. Is-soċjetà intimata appellat mis-sentenza. Tilmenta li mill-provi l-Bord kellu jilqa' l-eċċezzjoni. Tgħid li n-nuqqas ma kienx biss apprezzament ħażin tal-provi iżda nuqqas ta' applikazzjoni korretta tal-liġi. Talbet għalhekk għar-revoka tas-sentenza tal-Bord.

4. L-appellati talbu li l-appell ikun miċħud għar-ragunijiet li ngħataw fit-tweġiba.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

5. L-intimata tikri l-fond '*Invicta*', *groundfloor showroom*, li jinsab fi Triq Valletta, Mosta mingħand ir-rikorrenti. L-appellati jikkontendu li l-appellanti ssullokat dan il-fond lil terzi mingħajr il-kunsens tagħhom, bi ksur tal-artikolu 9(a) tal-Kap. 69. Min-naħa l-oħra l-appellanti tisħaq li kull ma għamlet kien li bejn l-2006 u l-2015 daħlet f' arranġament kummerċjali ma' soċjetà terza, ossija, *Maresco (Trading) Ltd*, sabiex tbiegħ il-prodotti tagħha '*on consignment*' . Tgħid li apparti l-prodotti ta' *Maresco (Trading) Ltd* hija kienet tbiegħ ukoll *leftover stock* li kien għad fadlilha mill-attività preċedenti tagħha *qua* manufattriċi tal-għamara. Tiċħad li saret xi tip ta' sullokazzjoni u/jew trasferiment u tilmenta li fl-evalwar tal-provi l-Bord għamel asserzjonijiet gratwiti u inverta l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti.

6. Qabel ma jiġi kkunsidrat l-ilment tal-appellanti, jrid jiġi determinat il-qafas regolatorju applikabbli fiċ-rikostanzi. Mill-atti ma jirriżultawx wisq dettalji dwar il-kirja oriġinali. L-appellata Consuela Cini D'Amato xehdet li l-kirja bdiet '*xi erbgħin/ħamsin sena ilu*'.[3] Da parti tiegħu Alfred Farrugia, ix-*showroom* mertu tal-proċeduri odjerni ilha bil-*logo* tal-*Invicta* mill-1968.[4] Huwa għalhekk paċifiku

---

[1] Fol. 5.
[2] Fol. 24.
[3] Fol. 33.
[4] Fol. 104.

li l-kirja tirrisali għal qabel l-1 ta' Ġunju, 1995. Għaldaqstant, fir-rigward ta' sullokazzjoni fil-perjodu ta' rilokazzjoni japplika l-Kap. 69 u mhux l-artikolu 1614 tal-Kodiċi Ċivili (ara artikolu 1531B tal-Kap. 16).

7. Jirriżulta ukoll li l-kera hi fis-somma ta' €4,851 fis-sena titħallas kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' Frar u fl-1 ta' Awissu.[5]

8. Ir-rikors promutur ġie bbażat fuq l-artikolu 9(a) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li l-Bord jista' jagħti permess lil sid il-kera jieħu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri f'każ li, *inter alia*, l-kerrej ikun **issulloka l-fond** jew **ittrasferixxa l-kiri** mingħajr il-kunsens espress ta' sid il-kera.

9. Fit-tweġiba l-appellati għamlu riferenza ghas-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet ***Blackley Company Limited C-5711 vs Edward Schembri et***, fejn intqal li l-artikolu 1614 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) bis-saħħa tal-artikolu 39(1) japplika bis-saħħa tal-Att X tal-2009. F'dik is-sentenza din il-qorti qalet:

> *'... L-Artikolu 39(1) tal-Att X tal-2009 jaqra:*
>
> *"Il-kirjiet li kienu fis-sehh qabel l-1 ta' Gunju, 1995, li jkunu għadhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010, jibqgħu jiġu regolati mil-liġijiet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995,* ***minbarra ghal dak li jinsab fid-disposizzjonijiet tat-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili****, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, kif emendat b'dan l-Att kif ukoll bir-regolamenti magħmula in forza ta' l-emendi introdotti b'dan l-Att".*
>
> *Peress li l-Artikolu 1614 jinsab fit-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, japplika bil-mod kif ġie emendat minkejja li l-każ jitratta dwar kirja li saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995.'*

10. Fl-ewwel lok il-qorti tfakkar lill-appellati li l-kawża li pproponew kienet bażata fuq l-artikolu 9(a) tal-Kap. 69 u mhux l-artikolu 1614 tal-Kodiċi Ċivili.

11. Il-qorti hi tal-fehma li dak li qalet f'dik is-sentenza, li ntqal *obiter* ghaliex ikkonkludiet li l-artikolu 1614(2) tal-Kodiċi Ċivili ma kienx japplika ghall-kaz li kellha quddiemha, m'huwiex korrett. Dan peress li ma jqiesx dak li jipprovdi l-artikolu 1531B tal-Kodiċi Ċivili li wkoll żdied bl-Att X tal-2009, ċjoe' l-istess Att fejn insibu l-artikolu 39 li hi d-disposizzjoni tranżitorja. Artikolu 1531B jipprovdi:

> *"Għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995,* ***għandha tibqa' tgħodd*** ***il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995****, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar, 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531C, 1531D, 1531E, 1531F, 1531G, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K".*

[5] Fol. 1 u 105 – 115.

12. Il-qorti hi għalhekk tal-fehma li l-artikolu 39 tal-Att X tal-2009 ghandu jinftiehem u jigi applikat b'mod li ma jkunx konfliggenti mal-artikolu 1531B, li hu ċar u ma jħalli ebda dubju li fir-rigward ta' kirjiet ta' **qabel l-1 ta' Ġunju, 1995**, kif inhi tal-każ in eżami, tapplika l-liġi kif kienet qabel dakinhar bl-eċċezzjoni tad-disposizzjonijiet li jissemmew f'dik l-istess disposizzjoni. Każ ieħor ta' inċertezza li ta lok għaliha l-leġislatur f'dik il-liġi.

13. Mill-atti ma tirriżulta l-ebda skrittura ta' sullokazzjoni jew trasferiment tal-kirja favur terza persuna. Lanqas ma ġie ppruvat li kien hemm xi kuntratt ta' ġestjoni tal-fond *de quo*. Ċertament m'huwiex faċli għall-sid il-kera sabiex jagħti prova li saret sullokazzjoni jew ċessjoni peress li ħafna drabi l-provi kardinali jkunu mistura u l-inkwilin jagħmel paraventu wara dak li jkun verament għaddej fin-negozju.

14. Assunta Josephine D' Amato xehdet li kien Alfred Farruiga stess, ossija d-direttur tal-appellanti, illi waqt telefonata li huma kellhom fil-bidu tal-2016 ammetta magħha li kien issulloka l-fond lill-*Maresco (Trading) Ltd*.[6] Da parti tiegħu Farrugia ċaħad kategorikament li qal kliem f'dak is-sens. Wieħed jista' jsibha diffiċli jemmen li Farrugia qal dawk il-kliem, meta tikkunsidra li sid il-kera kien diġa' ppropona kawża sabiex jipprova jieħu lura l-fond mingħajr suċċess. Hu veru li f'dak l-istadju l-arranġament ma' Maresco kien spiċċa, pero' l-qorti ssibha diffiċli temmen li Farrugia kien ser jammetti ħaġa bħal dik meqjus il-kwistjonijiet li diġa kellu ma' sid il-kera.

15. Mill-affidavits tal-appellati u dokumenti li ppreżentaw, jirriżulta li:

- mill-2006 sal-bidu ta' Ottubru 2015 is-*showroom* in kwistjoni kienet armata b'għodda, slielem u prodotti tal-'*KS Tools'* li jiġu mportati f'Malta minn *Maresco (Trading) Ltd.* Kienet ilha hekk armata 9 snin;
- *Maresco (Trading) Ltd* kienet tirreklama l-prodotti mibjugħin mill-fond in kwistjoni fuq l-paġna tal-*Facebook* tagħha;[7]
- min-naħa l-oħra f'Jannar 2016, il-paġna tal-*Facebook* u l-*website* tal-intimata kienu jirreklamaw biss għamara u *office furniture*;[8]
- sat-18 ta' Marzu 2016, l-*email address* allaċċjat mas-*showroom* tal-Mosta li kien jidher fuq is-sit elettroniku tal-intimata kien *invicta1@go.net.mt*.[9] Jispikka l-fatt li: (i) dan ma kienx fuq id-*domain* tas-soċjetà appellanti bħal ma kienu l-*email* addresses l-oħra tal-intimata, ossija '*@invictamalta.com'*; u li (ii) dan inbidel għal fuq id-*domain '@invictamalta.com'* aktar tard fl-2016;[10]

[6] Fol. 27.
[7] Fol. 59 – 65.
[8] Fol. 86 u 87.
[9] Fol. 58. L-istess indirizz jidher fir-riklam a fol. 133.
[10] Fol. 88.

- fl-2006 l-*objects clause* tal-*Memorandum and Articles of Association* intimata ma kienx jinkludi bejgħ ta' għodda u slielem,[11] dak ta' *Maresco (Trading) Ltd* ġie emendat sabiex hija tkun tista' tiġġestixxi jew tikkontrolla ħwienet a benefiċċju tagħha;[12]
- f'Ottubru 2015 din is-*showroom* ingħalqet u mal-faċċata twaħħal avviż li jaqra: *'Refurbishment for New Stocks'*;
- l-i*stock* li kien jinsab f' din is-*showroom* tneħħa minn *Maresco (Trading) Ltd* ġo vannijiet tal-*Aquatherm*, ditta appartjenenti lill-istess sidien tas-soċjetà *Maresco (Trading) Ltd;*
- apparti l-*istock*, Maresco *(Trading) Ltd* neħħiet ukoll: (i) l-*aircondition units,* pajpijiet tar-ramm tal-isess units, it-tank tal-ilma, l-*electrical box* u wires tal-elettriku li kienu lkoll jinsabu fuq il-bejt, u (ii) l-ixkaffar li kien jinsab ġewwa l-*fond*;
- il-*crane* li ntuża sabiex tniżżlu l-*airconditioning units* minn fuq il-bejt għal isfel tħallas mid-direttur ta' *Maresco (Trading) Ltd*;[13]
- xi xhur wara x-*showroom* ġiet armata bi *stock* ta' għamara u ġew installati *air-conditioners* ġodda.[14]

16. Saħansitra, in kontro-eżami Alfred Farrugia qal li s-*salesperson* li kien ikun hemm fis-showroom kien impjegat ta' Maresco (Trading) Ltd u jirċievi l-ħlas mingħandha.[15] Għalkemm xehed li, *"aħna bi ftehim vuoldiri qbilna li l-payment naghmluh ahna tal-paga, imma fuq il-payroll taghhom"*,[16] ma ressaqx provi li jikkoraboraw dik il-verżjoni.

17. Jirriżulta wkoll li meta l-għodda ta' *Maresco (Trading) Ltd* ma baqgħux jinbiegħu mill-fond mertu tal-każ odjern, din ta' l-aħħar ħadet mhux biss l-*istock* u l-*aircondition units* iżda kull ma kien hemm fl-imsemmi fond, inkluż it-tank tal-ilma, *copper pipes,* wires tad-dawl u saħansitra xkaffar.

18. Verament hu stramb kif l-appellanti ma ħarrkitx bħala xhud lir-rappreżentant ta' Maresco (Trading) Ltd sabiex jikkorabora l-verżjoni li ta Alfred Farrugia. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-provi li ressqu l-appellati. Provi oħra li żgur kienu jkunu rilevanti sabiex Farrugia jikkorabora l-verżjoni tiegħu li n-negozju kien tas-soċjeta appellanti u li Maresco kienet tagħtiha biss merkanzija *'on consignment'*:

- Ir-rappreżentant ta' Maresco (Trading) Ltd;

---

[11] Fol. 95.
[12] Fol. 89.
[13] Fol. 34.
[14] Fol. 35.
[15] Fol. 243.
[16] Fol. 243.

- Karm Farrugia, li Alfred Farrugia xehed li kien il-persuna li ntroduċieh mar-rappreżentant ta' Maresco;
- L-impjegat ta' Maresco (Trading) Ltd li kienet il-persuna li kienet tkun fil-ħanut;
- Iben Alfred Farrugia, li ssemma minnu meta xehed;
- L-awdituri li kienu jaghmlu l-audited accounts tal-kumpannija appellanti;

19. Jidher li l-Bord ikkunsidra dan in-nuqqas, tant li staqsa:

> *"Allura biex tiddefendi l-kawza bl-ahjar mod, ladarba ma kienx hemm sullokazzjoni, wiehed jistaqsi għaliex l-intimata ma tellgħetx lil tal-Maresco hi biex jikkonfermaw li fil-fatt ma kienx hemm sullokazzjoni ? B'hekk iċ-ċaħda tal-intimata kienet tkun korraborata u konfermata mit-terz iżda dan l-intimata m'għamlitux"*.

20. Il-fatt li ma tressqux dawk ix-xhieda ma jfissirx li Farrugia gideb. Madankollu, m'hemm xejn stramb li qorti tistenna li dak li qal Farrugia jiġi korraborat iktar u iktar meta tqies il-provi tal-appellati.

21. Mis-sentenza tal-Bord hu evidenti li l-Bord ta importanza għall-fatt li l-ħanut kien jitmexxa minn impjegat ta' Maresco (Trading) Ltd. Fil-fehma tal-qorti dan il-fatt ma' fatti oħra li jissemmew hawn fuq setgħu wasslu lill-qorti biex tikkonkludi li probabbilment in-negozju kien immexxi minn Maresco (Trading) Ltd fl-interess personali tagħha. F'dak l-istadju kien jispetta lill-appellanti li tressaq provi li jirribattu dawk il-provi.

22. Hemm per eżempju favur l-appellat li l-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon baqgħu f'isimha. Dwar il-liċenzja tan-negozju li baqa' f'isem Alfred Farrugia, m'għandu x'jaqsam xejn mal-bejgħ ta' għodda peress li hu permess ta' '*furniture, carpentry, upholstery*'.[17] Inoltre, min ikun qiegħed jagħmel xi ħaga li mhux suppost jagħmel m'huwiex ser jagħmel affarijiet li bihom jista' jippregudika l-posizzjoni tieghu. Dan iktar u iktar meta sid il-kera kien diġa' ppropona kawża sabiex jieħu lura mingħand l-appellanti l-fond in kwistjoni u deċiża mill-Bord Li Jirregola l-Kera fit-28 ta' Ġunju, 2012 favur l-appellanti.

23. Dwar l-impjegat li kien ikun hemm fil-fond, Alfred Farrugia xehed li minkejja li l-imsemmi impjegat kien fuq il-*payroll* ta' *Maresco (Trading) Ltd* u **kien jitħallas b'ċekk ta' *Maresco (Trading) Ltd,*** il-paga tiegħu kienet effettivament titħallas mill-appellanti. Xehed ukoll li minkejja li s-*salesperson* fix-*showroom* kien ta' *Maresco (Trading) Ltd,* it-tifel tiegħu kien '*jieħu ħsieb*'. <u>Dan ma ġie kkoraborat bl-ebda prova oħra</u>, per eżempju permezz:

---

[17] Fol. 132.

- Ta' dokumenti li jikkonfermaw li effettivament l-appellanti kienet qegħda tħallas lill-intimata;
- Tal-persuna li kienet taħdem fil-ħanut, rappreżentant ta' *Maresco (Trading) Ltd* u iben Alfred Farrugia sabiex jispjega x'kien '*jieħu ħsieb*' eżattament;

24. Għalkemm l-appellant xebħet l-arranġament ma' dak li jiġri f'*supermarkets*, il-qorti ma tafx x'inhuma dawn is-suppost arranġamenti li jsiru dwar *supermarkets*. Il-qorti jinteressaha dak li ġara f'dan il-każ u mhux x'isir f'negozji oħra, apparti li f'dan il-każ in-negozju m'huwiex ta' *supermarket*.

25. Il-Qorti fliet ukoll il-*cash purchases, cash sales, sales invoices*, u l-i*stock history* eżebiti a fol. 257 sa 331. Kull m'għamlet l-appellanti hu li ppreżentat dawk id-dokumenti permezz ta' nota preżentata fit-28 ta' Ġunju, 2017. Il-qorti kienet tippretendi li Farrugia jagħti spjegazzjoni ċara u dettaljata dwarhom u mhux jaqbad mazz dokumenti u jwaddabhom fil-proċess. Prassi komuni f'proċeduri ġudizzjarji.

26. F'negozju li dam għaddej is-snin, il-qorti tasal biex tgħid li d-dokumenti preżentati intagħażlu b'mod selettiv meta tikkunsidra l-perjodu limitat li għalih jirreferu u l-ftit dokumenti li gew prezentati. Għal dak li jikkonċerna d-dokumenti a fol. 257 sa 298 jidher li ħargu mill-istess sistema, minkejja li wħud huma ta' Invicta Ltd u oħrajn ta' Maresco (Trading) Ltd. Fil-fatt id-dokumenti li fuqhom hemm stampat *cash purchases* u *cash sales* bil-*letter head* ta' Invicta Ltd huma mqassmin bl-istess mod bħal dawk li fihom il-*letterhead* ta' Maresco (Trading) Ltd.

27. Wieħed mid-dokumenti bil-*letterhead* ta' Invicta Ltd datat 7 ta' Frar, 2014 li nħareġ lil Maresco (Trading) Ltd bil-prezz ta' €9.39.[18] B'dik l-istess data u fir-rigward tal-istess oġġett, hemm dokument ieħor maħruġ mill-istess Invicta Ltd li hu *cash sale* b'valur ta' €14.56.[19] Mark up ta' 55%. Farrugia xehed li l-appellanti kellha 55% markup fuq il-prezz li eventwalment kienet tħallas lil Maresco fuq il-merkanzija li l-appellanti kienet tbiegħ mill-fond oġġett tal-kawża.

28. Is-soċjeta appellanti ħadet il-posizzjoni li n-negozju kien tagħha u mhux li kienet sħab f'negozju ma' Maresco. Hu ovvju li m'hemm xejn ħażin li kumpannija li tikri fond, minn ġo fih topera negozju fejn il-merkanzija li tpoġġi fil-ħanut tingħata lilha '*on consignment*'. Pero' l-qorti m'hijiex konvinta li l-provi li ressqet l-appellanti huma daqstant b'saħħithom li l-Bord kellu jikkonkludi li probabbilment in-negozju kien ta' Invicta Ltd. Dan iktar u iktar meta l-uniku xhud li ressqet kien Alfred Farrugia. Hu veru li xhud wieħed hu biżżejjed, jekk jitwemmen.

[18] Fol. 263.
[19] Fol. 289.

Madankollu, wieħed ma jistax jinsa dawk il-provi kollha li ressqu l-appellati. F'dak ix-xenarju kien jispetta lill-appellanti li tressaq iktar provi li jkunu jikkoraboraw dak li xehed Farrugia sabiex jikkonvinċu lill-Bord li n-negozju verament kien tas-soċjeta appellanti. Ħadet ir-riskju li ma tressaqx dawk il-provi għal raġunijiet li hi biss taf, u minħabba f'hekk spiċċat ressqet provi li ma kkonvinċewx lill-Bord. Wara li l-qorti qrat l-atti, tikkonkludi li l-Bord ma kellux bilfors ikun konvint li dak li xehed Farrugia kien minnu. Dan meta tqies il-provi tal-appellati.

29. Hu veru li l-kontijiet tad-dawl, ilma u telefon jidher li kienu f'isem l-appellanti. Pero b'daqshekk ma jfissirx li n-negozju hu tal-appellanti. Fir-rigward tal-applikazzjoni li saret fl-2012 lill-Bank of Valletta plc sabiex fil-fond titpogga s-sistema tal-EPOS, m'hemmx provi ta' x'gara. Dan iktar u iktar meta tqies li l-applikazzjoni saret fl-2012 u l-ftehim ma' Maresco kien ilu fis-seħħ sa mis-sena 2006. Ghal dawk li jirrigwarda r-reklam li kien gie stampat fil-Yellow Pages, Farrugia ma tax dettalji meta kien stampat. Reklam wieħed iżolat, filwaqt li fil-website tal-appellanti lanqas biss ma kien jissemma n-negozju tal-għodda. Dan minkejja li Farrugia xehed, *"Dawn bdew iżidu fil-prodotti u għalhekk bdejt nippromovi aktar il-begħ ta' din l-għodda"*.[20] Jekk dik hi l-verita l-qorti tifhem li l-appellanti kienet tirreklama n-negozju l-ġdid, iktar u iktar meta m'hemmx provi li l-appellanti diġa kellha negozju ta' bejgħ ta' għodda.

30. Għaldaqstant meta tqies il-provi li ressqu l-appellati, il-provi li ressqet l-appellanti m'humiex biżżejjed sabiex tikkonkludi li n-negozju tal-għodda kien tal-appellanti u l-arranġament bejn l-appellanti u Maresco kien biss ta' bejgħ *'on consignment'* on xejn iktar. Hemm biżżejjed provi sabiex il-Bord seta' jikkonkludi li l-appellanti telqet il-gestjoni tal-fond lil Maresco li fil-post fetħet negozju ta' bejgħ ta' għodda u li kienet qegħda tirċievi kera skont l-artikolu 1533(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jista' ukoll ikun sehem mill-qliegħ tal-ġestjoni ta' ħanut.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Il-perjodu għall-iżgumbrament jiddekorri mil-lum.**

Anthony Ellul.

[20] Fol. 104.